MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Numru 121/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa`)**

**vs**

**Christian Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christian Mallia ta’ 18-il sena, bin Lawrence u Rita Antida nee` Bugeja, imwieled Pieta` fit-12 ta’ April 1988, residenti f’174, Triq Villambrosa, Hamrun, u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 191588M gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi perjodu bejn April 2006 u Gunju 2006, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AG 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li in kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara illi f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez kif kontemplati fl-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 184, 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Christian Mallia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat, l-eta` tenera tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih tal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Christian Mallia taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Inoltre, il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u riportat aktar qabel f’din is-sentenza in kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fit-Tahrika maghmula a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christian Mallia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------